# Beati u Qaddisin...Dicembru

## Beata Angelika minn Milazzo 6 ta’ Dicembru

Anki l-fergha ta' l-Ordni Frangiskana imwaqqfa fis-sena 1500 minn San Frangisk minn Paola u msejjah l-Ordni tal-Minini bhala sinjal ta' umilta', kellu terz'ordni u kien miftuh kemm ghall-lajci irgiel kif ukoll nisa.

Il-Beata Angela minn Milazzo kienet membru fit-terz'ordni tal-Minini Frangiskan mietet fis-sena 1559. Hija twieldet gewwa Milazzo fi Sqallija belt ta' origini antika, imma important fiz-zmien il-Medjuevu u r-Rinaxximent bhala port ta' kummerc u centru ta' produzzjoni. Hemm id-devozzjoni lejn il-qaddis ta' Paola kellha gheruq kbir.

Angelika kienet persuna normali li tghix hajjitha bhan-nies l-ohra. Xejn ma kien jidher straordinarju izda hajjitha kienet glieda kontinwa kontra t-tentazzjonijiet tal-gisem u tad-dinja. Kienet tfajla sabiha u sensibbli u ta' kostumi tajba . Hafna kienu jixtiequ jizzewguha izda hija kienet dejjem tirrifjuta minkejja li tal-familja kienu ghamluha pressjoni kbira u minn xi daqqiet minacci biex tizzewweg u ittella' familja.

Quddiem dawn id-diffikultajiet kollha hija kienet iddur lejn il-Kurcifiss biex titlob lil Gesu' imsallab ghal ghajnuna. Alla sema' t-talb taghha billi pprovdilha salib, cioe fuqha giet marda gravi li poggietilha hajjitha f'periklu.

Kien f'dan il-mument li hija libbset l-abitu tat-Terz'Ordni ta' San Frangisk minn Paola. Dak l-ilbies kien ghaliha kurazza mistika u triq zgura li hi tibqa' tghix f'dak l-istat li dejjem xtaqet.

Hija fieqet u minnufih regghu bdew l-insistenzi u l-pressjoni ta' qabel. Ghaliha dan kien kalvarju gdid ghaliex kien tfixkil kbir ghall-hajja

ta' gabra u qaddisa li riedet tghix.  Ghal darba ohra Angelika sfat midruba mill-flagell iehor. Is-sbuhija taghha ghebet ghaliex tumur li hakimha gabilha tbatijiet kbar sa mal-mewt giet izzurha.  Is-sena 1559 kienet is-sena li fiha l-mewt helsitha mit-toqol u t-tbatijiet tal- gisem biex fethitilha id-dar ta' l-Gharus taghha spiritwali.